MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 617/2007

**Malta Enterprise Corporation**
**vs.**
**AC Cars Manufacturing Limited (C30159)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Gunju, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi permezz ta' kuntratt pubbliku ta' self fl-atti tan-nutar Dr. Francis Micallef datat 22 ta' Gunju 2004 (anness bhala Dok."MECI"), il-korporazzjoni rikorrenti sellfet lis-socjeta intimata l-ammont ta' mitejn u hamsin elf Lira Maltin (LM250,000);

Illi il-kuntratt immarkat Dok."MEC.1" jirregola il-process ta' kif kellu jsir il-hlas tal-pagamenti u ta' l-imghaxijiet relattivi li kellhom jithallsu lill-korporazzjoni rikorrenti;

Illi l-intimati naqqsu milli jhallsu tliet skadenzi ta’ wiehed u tletin elf u mitejn u hamsin Liri Maltin (LM31,250) ‘l wiehed kif dovuti skond il-kuntratt immarkat Dok.”MECl”;

Illi dawn in-nuqqasijiet jikkonstitwixxu ksur tal-kuntratt immarkat Dok. MEC1, senjatament, izda mhux limitatament, tar-raba’ paragrafu tat-tieni pagna tal-kuntratt immarkat Dok. “MECl”;

Illi minhabba fin-nuqqas tas-socjeta intimata li thallas il-pagamenti u l-imghaxijiet dovuti, l-ammont tas-self gie dovut fl-intier tieghu, u dan skond l-ahhar paragrafu tat-tieni pagna tal-kuntratt immarkat Dok.”MECl”;

Illi nonostante li s-socjeta intimata giet interpellata diversi drabi biex thallas il-pagamenti u l-imghaxijiet dovuti skond il-kuntratt immarkat Dok.”MECl”, anke permezz ta’ ittra ufficjali (kopja annessa bhala Dok.”MEC2”), is-socjeta intimata baqghet inadempjenti;

Illi l-imsemmi Chief Executive Officer tal-korporazzjoni rikorrenti jaf personalment b’dawn il-fatti kollha;

Talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-ammont ta’ mitejn u hamsin elf Lira Maltin (LM250,000) huwa dovut lill-korporazjoni rikorrenti skond il-kuntratt immarkat Dok.”MEC1”;
2. Tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk dovut fl-intier tieghu;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ April 2007, u bl-imghaxijiet li, sa l-ahhar ta’ Dicembru 2006 jammontaw ghal sittax -il elf u mija u sittax Liri Maltin (LM16,116), u b’dawk l-imghaxijiet ulterjuri skond il-kuntratt sad-data ta’ l-ittra ufficjali surriferita, u, sussegwentement, bl-oghola rata permessibbli skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, u dan kif stipulat mill-istess

kuntratt anness bhala Dokument “A”, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta’ konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi in kwantu ghall-ewwel paragrafu tar-rikors attrici, ma huwhiex qed jigi kkontestat il-fatt illi gie ffirmat ftehim bejn il-kontendenti illi permezz tieghu il-Korporazzjoni attrici ivversat a favur tas-socjeta’ konvenuta somma ta’ flus b’titolu ta’ self u dan kif indikat fl-istess kuntratt datat it-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004);

Illi madanakollu, il-kuntratt ta’ self kien biss element wiehed minn ftehim aktar wiesgha u dettaljat bejn l-istess kontendenti liema ftehim wassal sabiex is-socjeta’ konvenuta tibda topera gewwa Malta;

Illi kif indikat fit-tieni paragrafu tat-tieni pagna tal-kuntratt ta’ self mertu tal-kawza, is-self kien regolat ai termini tal-kundizzjonijiet stipulati fil-’letter of intent’, kif ukoll minn kundizzjonijiet ohra illi kienu jew setghu gew notifikati mill-Korporazzjoni lis-socjeta’ konvenuta;

Illi l-Korporazzjoni attrici kkomettiet nuqqasijiet sostanzjali fl-obbligi li assumiet favur is-socjeta konvenuta, senjatament billi naqset milli tipprovdilha fond adegwat ghall-produzzjoni ta’ vetturi kif approvat mill-istess Korporazzjoni. Naqset ukoll milli taghmel x-xogholijet u tiswijiet necessarji li accettat li tezegwixxi fil-fabbrika assenjata lis-socjeta konvenuta sabiex is-socjeta’ konvenuta setghet tinizzja u tizviluppa l-progett mertu tal-ftehim mal-korporazzjoni. Bhala rizultat ta’ dan in-nuqqas serju, is-socjeta konvenuta sofriet danni sostanzjali li qeghda tirrikjama permezz ta’ talba rikonvenzjonali ipprezentata kontestwalment;

Illi ghalhekk is-socjeta’ konvenuta, bhala rizultat dirett tan-nuqqasijiet tal-Korporazzjoni attrici, ma kenitx f’pozizzjoni

illi tizviluppa n-negozju taghha illi ghalih kien sar is-self mertu tar-rikors odjem.

Illi ghaldaqstant l-ammont pretiz milI-Korporazzjoni attrici fir-rikors taghha ghandu jitnaqqas b'dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur tat-talba rikonvenzjonali pprezentata kontestwalrnent;
Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta;

Rat il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta ipprezentata kontestwalment mar-risposta guramentata li permezz taghha wara li ippremettiet :

1. llli din hija kontrotalba ghat-talbiet dedotti fir-rikors guramentat ta' Malta Enterprise Corporation fl-ismijiet fuq premessi;

2. llli fis-sena 2002, is-socjeta' konvenuta rikonvenzjonata fuq l-inizjattiva taghha stess, dahlet f'negozjati mal-Korporazzjoni attrici sabiex tibda topera negozju ta' assemblagg u armar ta' vetturi specjalizzati gewwa Malta;

3. lllì I-proposti tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti lill-Korporazzjoni ghalI-istabbiliment tac-centru ta' produzzjoni taghha f'Malta, gew milqugha mill-istess Korporazzjoni u l-parti lahqu ftehim li permezz tieghu u bhala wiehed mill-aspetti fondamentali tieghu, il-Korporazzjoni rikonvenzjonata kellha tipprovdi lis-socjeta' rikonvenzjonanti fond ghan-negozju taghha;

5. lllì I-Korporazzjoni rikonvenzjonata ipprovdiet lis-socjeta' konvenuta b'fond u cioe Fabbriki wiehed (1) u tnejn (2), HF hamsa u sebghin (HF75) gewwa Hal Far u s-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti hallset ukoll depozitu ta' sebat elef u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm7575) akkont tal-kera miftehma;

6. lllì fll-mument tal-konsenja tac-cwievet tal-fond lis-socjeta rikonvenzjonanti, iI-fabbrika ma kenitx fi stat tajjeb ta' tiswija u kellha diversi problemi strutturali u difetti serji

illi mhux biss kienu ta' periklu u ma kenux in konformita' ma' l-"istandards" rikjesti mill-ligijiet sanitarji u tas-sigurta fuq il-post tax-xoghol izda inoltre kienu ta' tali natura illi rrendew il-fond inadegwat ghall-izvilupp tan-negozju li s-socjeta' rikonvenzjonanti kien ippjanat li twettaq f'pajjizna skond il-progett taghha approvat mill-Korporazzjoni stess;

7. Illi inoltre, bhala konsegwenza diretta tan-nuqqasijiet u d-difetti fll-fond moghti lis-socjeta rikonvenzjonanti, din soffriet danni konsiderevoli fin-negozju taghha inkluz telf finanzjarju sostanzjali u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-trattazzjoni tal-kawza;

8. Illi sa mill-ewwel granet illi giet fil-pussess tac-cwievet tal-fabbrika in kwistjoni, is-socjeta rikonvenzjonanti indirizzat il-problemi taghha lill-Korporazzjoni u talbet illi jsiru x-xogholijiet u r-riparazzjonijiet immedjati sabiex tkun f'pozizzjoni illi tkompli n-negozju taghha skond il-ftehim, inkluz il-pagament ta' l-ammont moghti bhala self mill-Korporazzjoni rikonvenzjonata. Dan jirrizulta mill-korrispondenza estensiva illi ser tigi ezebita waqt il-kawza;

9. Illi nonostante l-ilmenti kontinwi da parti tas-socjeta rikonvenzjonanti, id-diversi laqghat illi saru bejn il-kontendenti u ammissjonijiet da parti tal-Korporazzjoni rikonvenzjonata, kien hemm dewmien kbir fix-xogholijiet u ghalkemm f'Marzu ta' din is-sena sar progress fit-tiswijiet, sa llum bosta xogholijiet baqghu ma gewx kompletati b'dan illi s-socjeta' konvenuta ghadha ma hijhiex f'pozizzjoni illi topera kif kien originarjament ippjanat u miftiehem u ghadha qed issofri d-danni bhala rizulat ta' dan;

10. Illi t-talba mertu tal-kontrotalba odjerna hija konnessa mat-talba tal-Korporazzjoni rikonvenzjonata stante illi ghandha ssir tpaccija bejn id-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta u l-kreditu ta' l-attur rikonvenzjonat u dan ai termini ta' l-Artikolu tliet mija u sitta u disghin (396) paragrafu (a) tal-Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li s-socjeta' attrici tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Korporazzjoni rikonvenzjonata ma adempitx l-obbligi kuntrattwali taghha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, kif obbligat ruhha illi taghmel, meta ma pprovdietx lill-istess socjeta' rikonvenzjonanti f'fabbrika funzjonanti u kompletata ghall-ghanijiet kummercjali tal-kumpanija;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi bhala konsegwenza diretta tan-nuqqas tal-Korporazzjoni rikonvenzjonata, is-socjeta' rikonvenzjonanti soffriet danni materjali;

3. Tillikwida l-ammont ta' danni soffert mis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti bhala rizultat tal-inadempjenza tal-Korporazzjoni rikonvenzjonata, okkorrendo bl-opra ta' Periti nominandi;
4. Tordna li ssir tpaccija bejn kwalunkwe somma li s-socjeta' rikonvenzjonanti tista' tigi kkundannata thallas lill-Korporazzjoni ai termini tat-talbiet li ghalihom qed issir din il-kontro-talba, mas-somma hekk likwidata skond it-tielet talba;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-Korporazzjoni rikonvenzjonata li minn issa tibqa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, li in forza taghha eccepiet :

1. FL-ewwel lok, il-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata tghid li l-azzjoni tentata mis-socjeta' intimata rikonvenzjonanti hija irritwali stante li mhiex konformi mal-ligi dwar ir-rikonvenzjoni, senjatament l-artikolu 400 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ligi ma tippermettix li konvenut jipproponi l-kontro-talba fi kwalita' ohra minn dik li fiha jkun imharrek, u lanqas ma tippermetti li konvenut jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalita' ohra minn dik li fiha l-attur ikun deher fit-talba tieghu, u kwindi l-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata ghandha tigi liberata mid-domandi;

2. Fit-tieni lok, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel risposta il-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata tghid li t-talba rikonvenzjonali hija irritwali stante li l-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata ma krietx lis-socjeta' intimata rikonvenzjonanti l-fond in kwistjoni, u kwindi l-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata ghandha tigi liberata mid-domandi;

3. Fit-tielet lok, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg risposti, il-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata tichad il-pretensjonijiet tas-socjeta' intimata rikonvenzjonanti fil-mertu billi ma kisret ebda obbligu fil-konfront taghha;

**Il-fatti**

1. Dwar il-fatti materjali fir-rikors rikonvenzjonali il-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata tixtieq tghid is-segwenti :
a. Dwar dawk dikjarati fit-tieni paragrafu tar-rikors rikonvenzjonali, il-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata tikkjarifika li n-negozjati bdew mal-Malta Development Corporation, mbaghad mal-Malta Enterprise Corporation meta din ta' l-ahhar giet kostitwita ai termini tal-ligijiet ta' Malta;

b. Dwar dawk dikjarati fit-tielet paragrafu tar-rikors rikonvenzjonali il-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata tghid illi l-Malta Development Corporation, mbaghad il-Malta Enterprise Corporation, agixxiet, bhal ma dejjem tagixxi fir-rigward ta' l-allokazzjoni ta' fabbriki, fil-vesti taghha bhala agenzija tal-Gvern ta' Malta, u cjoe' ikkonfermat fil-principju li s-socjeta intimata rikonvenzjonanti kienet tikkwalifika ghall-allokazzjoni diretta ta' fabbrika tal-Gvern minn fejn din kellha twettaq il-progett taghha. Izda l-allokazzjoni nnifisha, l-identifikazzjoni tal-fabbrika, id-decizjonijiet dwar it-termini u l-kundizzjonijiet ezatti tal-kirja, it-trasferiment tal-pussess tal-fabbrika saru mill-Malta Industrial Parks Limited, entita legalment separata mill-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjontata, li ssuccediet lil Malta

Development Corporation fid-drittijiet taghha ghal dik li hija l-amministrazzjoni tal-fabbriki tal-Gvern;

c. Dwar dawk dikjarati fil-hames (prezumibilment, ir-raba') paragrafu tar-rikors rikonvenzjonali tghid l-istess bhal fil-paragrafu (b) u zzid li qatt ma rciviet flus bhala kera, jew depozitu akkont tal-kera, ghall-fond in kwistjoni, hekk kif jidher minn kampjun ta' ircevuti u lista ta' fatturi annessi bhala "Dok. MEC1"u "Dok. MEC2", rispettivament;

d. Dwar dawk dikjarati fis-sitt (prezumibilment, il-hames) paragrafu tar-rikors rikonvenzjonali il-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata tghid li xi kwistjonijiet (li mhumiex ammessi) li kellha, jew li ghad ghandha s-socjeta' intimata rikonvenzjonanti, mhumiex indirizzabbli lill-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata; fi kwalunkwe kaz, il-korporazzjoni tifhem li l-entita' responsabbli (ara para. g) ghall-fabbriki ghamlet dawk it-tiswijiet li kienu jghajtu lilha u ma taccettax l-ilmenti l-ohra tas-socjeta rikonvenzjonanti;

e. Dwar dawk dikjarati fis-seba' (prezumibbilment, is-sitt) paragrafu tar-rikors rikonvenzjonali il-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata tghid l-istess bhal fil-paragrafu (d);

f. Dwar dawk dikjarati fit-tmien (prezumibbilment, is-seba') paragrafu tar-rikors rikonvenzjonali, il-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata tghid li hu minnu li kien hemm korrispondenza maghha, izda hi dejjem irriferiet il-kwistjonijiet lill-entita' responsabbli (ara para. g);

g. Dwar dawk dikjarati fid-disa' (prezumibilment, it-tmien) paragrafu tar-rikors rikonvenzjonali l-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata tghid li, skond ma tifhem, ix-xogholijiet li kellhom isiru gew ezegwiti mill-Malta Industrial Parks Limited li, ai termini tal-ligijiet ta' Malta, hija inkarigata bl-amministrazzjoni ta' l-artijiet industrijali tal-Gvern ta' Malta;

h. Dwar dawk dikjarati fl-ghaxar (prezumibilment id-disa’) paragrafu tar-rikors rikonvenzjonali il-korporazzjoni

rikorrenti rikonvenzjonata tghid li allavolja hemm talba ghat-tpacija ai termini ta' l-artikolu imsemmi mis-socjeta' intimata rikonvenzjonanti (prezumibbilment, l-artikolu 396(b), u mhux l-artikolu 396(a), tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), fil-fehma taghha, ir-rikors rikonvenzjonali jibqa' irritwali ai termini ta' l-artikolu 400 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li s-socjeta' intimata rikonvenzjonanti pproponiet il-kontro-talba fi kwalita' differenti, senjatament, taht il-ftehim ta' lokazzjoni meta giet imharrka taht il-ftehim separat u indipendenti ta' self, u dan kontra l-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata fi kwalita' ohra minn dik li fiha l-istess korporazzjoni deheret fit-talba taghha;

Ghaldaqstant, it-talbiet ta' l-intimati rikonvenzjonanti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess intimati rikonvenzjonanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat il-lista tax-xhieda tal-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-korporazzjoni attrici dwar l-ewwel eccezzjoni tal-korporazzjoni attrici rikonvenzjonata;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta' konvenuta;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghal sentenza preliminari dwar l-ewwel eccezzjoni ghall-kontro-talba;

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel eccezzjoni ghall-kontro-talba hija fis-sens illi l-azzjoni tentata mis-socjeta' intimata rikonvenzjonanti hija

irritwali stante li mhix konformi mal-ligi, senjatament l-artikolu 400 tal-Kapitolu 12, liema ligi ma tippermettix li konvenut jipproponi l-kontro-talba fi kwalita' ohra minn dik li fiha jkun imharrek, u lanqas ma tippermetti li konvenut jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalita' ohra minn dik li fiha l-attur ikun deher fit-talba tieghu, u kwindi l-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata ghandha tigi liberata mid-domandi.

Ikkkunsidrat :

Illi din hija kawza fejn il-korporazzjoni attrici talbet lis-socjeta’ konvenuta thallasha l-ammont dovut lilha, liema ammont gie misluf mill-korporazzjoni attrici lis-socjeta’ konvenuta.

Illi ghal din il-lanjanza is-socjeta’ konvenuta ghamlet kontro-talba fis-sens illi l-korporazzjoni attrici kienet lahqet ftehim maghha illi permezz tieghu il-korporazzjoni attrici kellha tipprovdi lis-socjeta' konvenuta fond ghan-negozju taghha.

Illi l-korporazzjoni attrici kienet ipprovdiet lis-socjeta’ konvenuta b’zewg fabbriki f’Hal-Far, izda fil-mument tal-konsenja tac-cwievet tal-fond, il-fabbrika ma kienitx fi stat tajjeb ta’ tiswija u kellha diversi problemi strutturali u diffetti serji u ghalhekk ma kienitx ta’ natura tali illi l-fond setgha kien adegwat ghall-izvillupp tan-negozju tas-socjeta’ konvenuta skond il-progett approvat mill-istess korporazzjoni attrici, u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta sofriet danni konsiderevoli, inkluz telf finanzjarju sostanzjali u ghalhekk, permezz ta’ din il-kontro-talba, is-socjeta’ konvenuta talbet lill-Qorti tillikwida l-ammont ta’ danni sofferti mis-socjeta’ konvenuta bhala rizultat tal-inadempjenza tal-korporazzjoni attrici u tordna ukoll illi issir tpaccija bejn kwalunkwe somma dovuta lis-socjeta' konvenuta mal-ammont illi l-Qorti tista tikkundanna lill-korporazzjoni attrici thallas f’dan ir-rigward.

Illi s-socjeta’ attrici eccepiet ghal din il-kontro-talba illi l-azzjoni tentata mis-socjeta' intimata rikonvenzjonanti hija irritwali stante li mhix konformi mal-artikolu 400 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi dan l-artikolu ma jippermettix illi xi hadd jipproponi kontro-talba fi kwalita' ohra minn dik li fiha ikun imharrek u lanqas ma tippermetti li konvenut jipproponi kontro-talba kontra l-attur fi kwalita ohra minn dik li fiha l-attur ikun deher fit-talba tieghu u ghalhekk talbet li l-korporazzjoni attrici rikonvenzjonata ghandha tigi liberata minn dawn id-domandi.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi huwa principju assodat fil-gurisprudenza nostrana illi element ewlieni rikjest sabiex azzjoni rikonvenzjonali tista tirnexxi huwa dak illi minbarra l-konnessjoni msemmija mill-Ligi, irid jirrizulta ukoll illi l-imharrek jista' juza l-azzjoni sabiex jaghmel kontro-talba fil-kwalita li fiha ikun imharrek fl-azzjoni originali , rat is-sentenza taghha tal-31 ta' Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet Alexis Vella et noe vs David Jones et noe.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ukoll sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Gunju 2004 fil-kawza fl-ismijiet Air Malta plc vs Lawrence Borg u b'digriet tat-18 ta' Awissu 2003 gie nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta il-kumpannija estera South Rays Holidays Limited tal-Ingilterra, fejn il-Qorti ghamlitha cara illi il-fatt li l-ghan ta' parti mharrka jkun li ggib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jirrendix gustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att gudizzjarju fl-ghamla ta' rikonvenzjoni. L-istess ghan jintlahaq b'nota tal-eccezzjonijiet. Ma kien qatt il-hsieb tal-legislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bhala strument ordinarju li bih kull kawza tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju procedurali li ghandu hsieb u ghan specifiku, u kemm hu hekk hija wahda minn dawk il-proceduri li l-Kodici isejjah "specjali". Dan jinghad ukoll minkejja li l-jedd li titressaq talba rikonvenzjonali huwa moghti lill-imharrek minghajr limitu dwar l-ghamla ta' azzjoni li fiha tista' ssir. (Vide sentenza ta' din il-Qorti tat-

28 ta' Frar, 2001 fil-kawza fl-ismijiet F. Mercieca & Sons Mobili Ltd vs George Borg et.)

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ukoll sentenza taghha tal-31 ta' Jannar, 2003 fil-kawza fl-ismijiet Alexis Vella et noe vs David Jones et fejn il-Qorti kienet laqghet eccezzjoni simili peress illi s-socjeta' attrici rikonvenzjonata kellha ragun tissottometti li ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' konvenuta kif imharrka. Il-Qorti izda f'dan il-kaz kienet qalet illi in kwantu ghall-kontro-talba, huwa prezunt illi skond l-Arikolu 396 tal-Kap. 12 din il-kontro-talba mhux biss trid tkun konnessa mat-talba ta' l-attur izda wkoll trid tirrivesti l-estrem l-iehor illi huwa propju il-konvenut, kif imharrek, li ghandu d-dritt jaghmel uzu minnha. "*La riconvenzione essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi sudetti – comunanza di origine delle due cause ovvero, la eliminazione reciproca delle due domande – in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi*" (**Vol XXVII pI p895**).

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi permezz ta' kuntratt pubbliku ta' self datat 22 ta' Gunju 2004 il-korporazzjoni attrici silfet lis-socjeta' konvenuta l-ammont kif imsemmi fir-risposta guramentata. Il-kuntratt ta' self kien jirregola il-process ta' kif kellu isir il-hlas tal-pagamenti u tal-imghaxijiet relattivi.

Illi irrizulta illi s-socjeta' attrici naqset milli thallas l-iskadenzi. Kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' self u ghalhekk saret l-azzjoni odjerna.

Illi irrizulta illi s-socjeta' konvenuta ipprezentat kontro-talba fejn effettivament ma addebietx ruhha maz-zewg kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 400 tal-Kap. 12 u dana peress illi ressqet il-kontro-talba taghha bhala inkwilin kontra il-korporazzjoni attrici bhala is-sid, u dan meta l-korporazzjoni attrici, meta ipprezentat ir-rikors guramentat taghha ippremettiet illi silfet ammont ta' flus

lis-socjeta’ konvenuta illi da parti taghha isselfet dawn il-flus minghandha.

Illi ghalhekk il-Qorti rat illi z-zewg azzjonijiet huma totalment differenti. Ir-rikors promotur jirrigwarda self u il-kontro-talba tirrigwarda lokazzjoni, ftehim ta’ lokazzjoni ta’ fabbriki maghmul bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa l-eccezzjoni tas-socjeta’ attrici, u konsegwentement tiddikjara il-kontro-talba irritwali stante li mhix konformi mal-Ligi dwar rikonvenzjoni u ghalhekk qeghda tillibera lill-korporazzjoni attrici rikonvenzjonata mit-talbiet kollha maghmula fl-imsemmija kontro-talba. Il-Qorti tordna il-prosegwiment tas-smigh tal-provi u tal-eventwali trattazzjoni dwar l-azzjoni principali; bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------